MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 50/2013

Emanuel **CAMILLERI**

vs

Spettur Louise **CALLEJA** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta, 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u 229 Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara talba magħmula mill-avukat difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tat-30 ta’ Mejju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti tagħti rimedju provviżorju (“*interim measure*”) billi tordna l-ħelsien minnufih tar-rikorrent mill-ħabs fejn qiegħed jiskonta sentenza finali u biex tirriżerva li tagħti provvediment finali dwar il-każ jekk u meta jkun jidhrilha xieraq;

Rat l-oppożizzjoni għall-imsemmija talba magħmula mill-avukat difensur tal-intimati waqt l-istess smigħ u r-raġunijiet mogħtijin minnhom biex jissostanzjaw dik l-oppożizzjoni tagħhom;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent isejjes it-talba tiegħu għall-għoti ta’ l-provvediment fuq tliet ċirkostanzi: u jiġifieri (i) fi żviluppi marbuta mal-każ tiegħu u li seħħew fl-

aħħar żminijiet matul is-smigħ ta’ din il-kawża; (ii) fuq il-fatt li martu tressqet mixlija b’reati ta’ rapport falz u ta’ sperġur fl-istess proċeduri kriminali li dwarhom huwa kien instab ħati u kundannat b’sentenza li hija ġudikat, u (iii) fuq id-dikjarazzjoni li minħabba f’hekk issa huwa “kompletament innoċenti minn kundanna u l-piena inflitti fuqu”;

Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f’kawżi ta’ għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b’mod eżawrjenti f’xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista’ tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala’ l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[1];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta’ ksur ta’ jedd fundamentali b’tali mod li ma jsir xejn li jista’ jxejjen jew inaqqas mill-awtorita’ u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[2]. F’dan ir-rigward, biex jista’ jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta’ ksur ta’ jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[3]. Għalhekk, m’huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f’hekk, l-għoti ta’ provvediment proviżorju

[1] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***
[2] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110
[3] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113

f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[4];

Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;

Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[5], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni [6];

Illi r-rimedju li r-rikorrent qiegħed jitlob f'dan il-każ m'huwiex it-twaqqif tas-smigħ tal-kawża, iżda l-ħelsien tiegħu miż-żamma f'detenzjoni tal-piena li qiegħed jiskonta bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li, min-naħa tagħha, ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

---

[4] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***

[5] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20

[6] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "*pro veritate habetur*". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;

Illi, safejn it-talba tar-rikorrenti tinbena fuq il-kawżali li "issa jirriżulta li huwa kompletament innoċenti minn kundanna jew l-piena inflitti fuqu", l-Qorti tqis li dan ma huwa mwieżen mill-ebda fatt li jinsab fl-atti tal-kawża. Il-verbal dettat mill-avukat difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tat-30 ta' Mejju, 2014, ma huwa xejn aktar minn sottomissjoni li din il-Qorti għad trid tqisha meta tkun qiegħda tikkunsidra s-sentenza fil-mertu ta' din il-kawża;

Illi safejn it-talba tar-rikorrent hija marbuta mat-teħid ta' proċeduri ta' natura kriminali fil-konfront ta' terzi, din il-Qorti lanqas issib li din tkun raġuni tajba biex jittieħed ir-rimedju provviżorju mitlub mir-rikorrent. Fl-ewwel lok, mill-atti li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-imsemmija proċeduri ttieħdu kontra persuna (mart ir-rikorrent) li ma tirriżultax li kienet il-persuna kwerelata meta r-rikorrent ressaq il-kwerela tiegħu fit-30 ta' Novembru, 2013[7]. Fit-tieni lok, il-proċeduri msemmija ma jirrigwardawx persuna li r-rikorrent isejjes dwarha l-ilment tiegħu ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali f'din il-kawża. Fit-tielet lok, it-teħid waħdu tal-imsemmija proċeduri ma jissarrafx f'kundanna tagħha u wisq anqas jinċidi fuq is-siwi tas-sentenza definittiva li ngħatat kontra r-rikorrent u li dwarha qiegħed jinżamm il-ħabs. Fir-raba' lok, sal-ħin li l-Qorti qiegħda tagħti dan il-provvediment, lanqas għadu nbeda xi proċediment kontra l-persuna kwerelata (bint ir-rikorrent). Fil-ħames lok, il-fatt li hemm proċeduri pendenti kontra persuna quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali ma jsarrafx f'dikjarazzjoni ta' ħtija kontra dik il-persuna ladarba

[7] Dok "CSH", f'paġ. 25 tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali

ma hemmx sentenza fir-rigward: din il-Qorti tħaddan il-prinċipju fundamentali tal-preżunzjoni tal-innoċenza mħares bil-Kostituzzjoni u wkoll bil-Konvenzjoni bħala prinċipju kardinali xejn anqas mill-jeddijiet fundamentali l-oħrajn, ukoll jekk għar-rikorrent jew ħaddieħor dan il-prinċipju ma jgawdix l-istess prijorita';

Illi, minkejja dan kollu li jissemma hawn fuq, il-Qorti tinsab imħassba sewwa dwar ċirkostanza partikolari li toħroġ mill-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li nġabu quddiemha waqt is-smigħ tat-30 ta' Mejju, 2014. Hija fliet sewwa l-atti kollha u fosthom jirriżulta li bint ir-rikorrent, taħt ġurament u fil-preżenza tal-Maġistrat li mexxiet l-inkjesta, fis-26 ta' Mejju, 2014[8] stqarret li dak li kienet xehdet quddiem l-istess Maġistrat Inkwirenti fis-27 ta' Frar, 2014, fil-kawża li fiha r-rikorrent kien instab ħati u kif ukoll imtenni minnha waqt is-smigħ ta' din il-kawża ma kienx jaqbel mas-sewwa;

Illi dik il-bidla tal-verżjoni wasslet lill-istess Maġistrat Inkwirenti biex tagħlaq l-inkjesta u biex tirrakkomanda li jittieħdu passi legali kontra l-persuni hemm imsemmija, fosthom bint ir-rikorrent (kwerelant)[9];

Illi, bla ma tgħaddi l-fehma tagħha fuq is-siwi jew le tal-kontenut tal-imsemmija stqarrija, il-Qorti tqis li din iċ-ċirkostanza hija waħda minnha nnifisha gravi li taħlaq qagħda li tattiva l-ħtieġa tal-għoti ta' provvediment proviżorju;

[8] Paġġ. 197 sa 202 tal-atti tal-inkjesta Maġisterjali
[9] Paġġ. 228 ssa 232 tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali

Illi din il-ħtieġa toħroġ ukoll mill-fatt li, minkejja tentattivi oħrajn ġudizzjarji meħuda fl-aħħar jiem quddiem Qrati ta' kompetenza kriminali, ir-rikorrent ma ngħata l-ebda rimedju sewwasew minħabba li l-liġi, applikata kif imiss, ma tagħtihx rimedju xieraq f'dan ir-rigward;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti qiegħda tqis biss il-kwestjoni tal-liberta' tal-persuna tar-rikorrent fil-qafas legali tal-kundanna definittiva li huwa ngħata bis-sentenzi tal-Qrati ta' kompetenza kriminali li sallum huma ġudikat. Għal din il-Qorti, fejn tidħol il-liberta' tal-persuna, jekk għandu jsir żball, ikun aħjar jekk dan ikun favur il-liberta' milli kontra l-liberta' ta' dak li jkun;

Illi l-Qorti qiegħda tagħmilha ċara wkoll li l-għoti tal-provvediment provviżorju, kif jixhed ismu, huwa wieħed temporanju u ma huwa bl-ebda mod jitqies bħala xi għamla ta' deċiżjoni dwar il-ħtija jew le tar-rikorrent, tal-mertu tal-proċedura mibdija minnu f'din il-kawża jew tal-ħtija jew le ta' ħaddieħor. Fuq kollox, il-Qorti nnifisha mhijiex marbuta bil-provvediment u tista' tirtirah f'kull waqt jekk kemm-il darba ċ-ċirkostanzi jitolbu dan[10];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent billi:

**Issib li ngħatatilha raġuni tajba u serja biżżejjed fil-liġi** biex tagħti provvediment provviżorju ("*interim measure*") dwar it-talba mressqa mir-rikorrent;

[10] Art. 230 tal-Kap 12

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** u, bħala provvediment proviżorju, tordna li jinħeles minnufih miż-żamma tiegħu ta' detenzjoni fil-faċilita' korrettiva hekk kif issir in-notifika ta' dan id-degriet lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, u li jibqa' hekk ħieles sakemm ma jkunx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li nġabu sallum quddiem din il-Qorti u għall-konsiderazzjoni tagħha;

**Tordna** li l-ħelsien mid-detenzjoni tar-rikorrent ikun taħt il-kundizzjonijiet li sejrin jissemmew: (i) li huwa bl-ebda mod ma jitlaq minn Malta għaż-żmien kollu li dan il-provvediment ikun fis-seħħ; (ii) li bl-ebda mod ma jersaq lejn jew, direttament jew b'xi mod ieħor ukoll permezz ta' terzi, jikkomunika mal-persuna kwerelata bil-kwerela tiegħu tat-30 ta' Novembru, 2013; (iii) li jżomm lilu nnifsu l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jew ta' xi uffiċjal ieħor debitament maħtur mill-istess intimat; (iv) li ma jonqosx milli jidher quddiem din il-Qorti f'kull smigħ tal-kawża sakemm ma jkunx meħlus minn dan minn qabel b'ordni jew degriet mogħti minnha; u (v) li joqgħod għal kull kundizzjoni oħra li din il-Qorti tista' żżid mal-premess jew tibdel skond il-każ, sakemm idum fis-seħħ dan il-provvediment;

**Tordna** li, għall-finijiet ta' l-eżegwibilita' ta' dan il-provvediment, in-notifika msemmija f'dan il-provvediment tkun a kariku tar-rikorrent u li dan il-provvediment huwa eżegwibbli minnufih.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------